MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Numru. 205/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Ennio Farrugia bin Mario u Rita nee' Tabone, imwieled nhar it-23 ta' Mejju, 1985, residenti fil-fond numru Albatross, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 30285(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ennio Farrugia li gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Jannar, 2007 ghall-habta ta' 14:45hrs fi Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex;

1) Bhala x-xufier tal-Bus ta' l-iskola FBY-074 u meta kien fid-dmir li jiehu hsieb it-tfal jew ta' persuni li ma

kinux kapaci jiehdu hsieb taghhom infushom, naqas li jiehu hsieb kif mehtieg tat-tifel Richard Sultana mix-Xaghra, Ghawdex (Art 339(1) j Kap 9);
2) Talli fl-istess data, hin u post u cioe' waqt li kien fl-imsemmija Bus tat-tfal ta' l-iskola dagha fil-pubbliku (Art 338 (bb) u 342 tal-Kap 9);

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;
Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza d-difiza ssollevat l-eccezzjoni tan-nullita' ta' dawn il-proceduri peress illi sabiex tirnexxi l-ewwel (1) akkuza kienet tehtieg il-kwerela. Illi dina l-ecezzjoni ma treggix peress illi l-Artikolu 339 (2) jindika liema mill-kontravenzjonijiet indikati fis-subartikolu jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza u l-Artikolu 339 (1) (j) ma huwiex wiehed minn dawk ikkontemplati fil-Ligi;

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-minuri Richard Sultana hassu hazin fuq il-karozza tal-linja fi triqtu lura d-dar mill-iskola. Jidher illi hekk kif it-tifel irrigetta fuq il-karozza tal-linja, l-imputat li kien ix-xufier waqqaf il-karozza u nizzel lit-tifel biex ikompli jirremetti fit-triq. Fl-ebda hin ma jidher illi huwa nizel biex jaghti l-assistenza lil dana t-tifel, izda saq minn fuq il-post sabiex wassal lit-tfal l-ohra lejn id-dar. Imbaghad dar lura u mar sabiex jara jekk it-tifel kienx ghadu hemm. Sadanittant it-tifel lahaq ingabar minn persuna li nzertat ghaddejja fit-triq li wassal lit-tifel lejn id-dar. Ikkunsidrat illi l-imputat jinsab akkuzat bil-kontravenzjoni kkontemplata fl-Artikolu 339 (1) (j) li tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna li ghandha d-dmir tiehu hsieb it-tfal tonqos milli taghmel dan;

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat xoghlu huwa ta' xufier li f'dana l-kaz kien obbligat jipprovdi transport lit-tfal tal-iskola mill-iskola lejn id-dar. Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova illi d-dmir tal-imputat kien li jiehu hsieb

dawn it-tfal. Li jirrizulta mill-provi huwa li hu kien fid-dmir li jwassal it-tfal lejn id-dar. Il-Qorti tistaqsi huwiex dmir tal-imputat li joqghod jiehu hsieb dawn it-tfal meta l-obbligu ewlieni tieghu huwa li jkollu attenzjoni shiha fis-sewqan tieghu sabiex jevita' li jsiru xi accidenti u li jwassal lit-tfal sad-destinazzjoni ta' kull wiehed minnhom;

Illi kien fid-dmir tal-kapijiet tal-iskola, ghalliema u nies ohra responsabbli fl-iskola illi jaraw illi tifel illi jkun ma jiflahx ma jithalliex jirkeb trasport, jigu nfurmati minnufih il-genituri tieghu sabiex l-istess jiehdu hsieb li jmorru jigbru lit-tifel taghhom mill-iskola. Minn dana d-dmir l-awtoritajiet tal-iskola naqsu u l-Qorti ma tarax illi ghandha titfa' dana d-dmir fuq l-imputat li fic-cirkostanzi bilfors illi tfixkel dwar dak li kellu jaghmel jekk hux li jiehu hsieb lil dana t-tifel jew li jaghmel id-dmir tieghu u jara li jitwasslu t-tfal l-ohra fuq ix-xarabank lejn id-dar fil-hin. L-imputat ghazel li jaghmel dana izda wara jghid li hekk kif wassal lil dawn it-tfal rega' mar lura jfittex lil dana t-tifel izda ma sabux ghax lahaq ingabar minn bniedem iehor. Ghaldaqstant l-impuat qed jigi liberat mill-ewwel (1) akkuza;

Illi dwar it-tieni (2) akkuza l-Qorti temmen illi f'dawn ic-cirkontanzi l-imputat tfixkel u x'aktarx urta xi ftit ruhu wkoll meta ra lit-tifel jirremetti fuq ix-xarabank tieghu u ghalhekk il-Qorti temmen lill-minuri Richard Sultana meta jghid illi l-imputat qal xi kliem konsistenti f'dagha, kliem illi l-imputat ma messux uza fil-pubbliku specjalment quddiem tfal minuri;

Ghaldaqstant filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza, issibu hati tat-tieni (2) u tikkundannah ammenda ta' ghoxrin ewro (20).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------